MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1/2009

**Kasco Limited**

**vs**

**Emanuel Debattista (ID 135147M) u martu Valerie Debattista (ID17046M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti Kasco Limited datat 5 ta' Jannar 2009 fejn gie premess:

1. Illi fis-17 ta' Gunju permezz tas-sentenza (Rik Gur Nru 544/2008AF) fl-ismijiet Kasco Limited (C17886) vs Publishers Enterprises Group (P.E.G) Limited (C6404), din l-Onorabbli Qorti kkundannat lis-socjeta' Publishers Enterprises Group (P.E.G) Limited sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u hamest elef u mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€105,140.93) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha lilha fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx, bl-ispejjez

inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (Nru 822/2008) pprezentat flimkien mar-rikors guramentat u bl-imghaxijiet mit-tletin gurnata wara d-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rati permessi mill-ligi (DOK A);

2. Illi permezz ta' skrittura privata datata 3 ta' Novembru 2008 iffirmata bejn is-socjeta' rikorrenti, is- socjeta' Publishers Enterprises Group (P.E.G) Limited, u Emanuel Debattista u martu Valerie Debattista f'isimhom personali, fost affarjiet ohra l-intimati konjugi Debattista, solidalment bejniethom, ikkostitwixxew ruhhom garanti solidali mas-socjeta' Publishers Enterprises Group (P.E.G) Limited favur is-socjeta' rikorrenti ghall-pagament tas-somma fuq imsemmija ta' mija u hamest elef u mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€105,140.93) u l-imghaxijiet dekorribli fuq l-istess somma bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena, f'kaz ta' inadempjenza fil-pagament min-naha tal-istess socjeta' (DOK B);

3. Illi wara li s-socjeta' Publishers Enterprises Group (P.E.G) Limited baqghet inadempjenti , l-intimati naqsu milli jonoraw l-obbligazzjonijiet taghhom naxxenti mill-istess kuntratt billi naqsu milli jhallsu lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' mija u hamest elef u mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€105,140.93) u l-imghaxijiet dekorribli fuq l-istess somma bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena;

4. Illi minkejja li gew interpellati diversi drabi biex ihallsu, l-intimati baqghu inadempjenti;

5. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jghatu ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk in vista tar-ragunijiet premessi, s-socjeta rikorrenti tablet l-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* ta' l- artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara lill-intimati solidalment bejniethom bhala debituri versu s-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u hamest elef u mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€105,140.93) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

3. Tikkundanna lill-istess intimati solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' rikorrenti l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors Guramentat, u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-3 ta' Novembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimati debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejhin tlett darbiet lanqas ma dehru.

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 2009 fejn Robert Zammit ghas-socjeta' attrici bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat billi:

2. Tiddikjara lill-intimati solidalment bejniethom bhala debituri versu s-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u hamest elef u mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€105,140.93) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

3. Tikkundanna lill-istess intimati solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' mija u hamest elef u mija u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€105,140.93)

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 822/2008 pprezentat kontestwalment mar-Rikors Guramentat, u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-3 ta' Novembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena, kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------